



31.8.2017

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li
jadatta għadd ta' atti ġuridiċi li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi
skrutinju mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni
Ewropea
(COM(2016)0799 – C8-0524/2016 – 2016/0400(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Daniel Buda

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fil-kuntest tal-allinjament ta' wara Lisbona, il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jenfasizza l-importanza tal-allinjament tal-oqsma ta' politika koperti mill-Politika Agrikola Komuni, li ma ġewx adottati taħt il-proċedura ta' kodeċiżjoni.

Id-delinjazzjoni tal-atti delegati u tal-atti ta' implimentazzjoni hija kwistjoni politika sensittiva, speċjalment fil-qasam tal-agrikoltura, li tidher li hi pjuttost teknika u li jaf tinvolvi għażliet u konsegwenzi politiċi importanti.

Minħabba l-esperjenza reċenti tal-imblukkar tal-fajls tal-allinjament rigward leġiżlazzjoni essenzjali dwar l-agrikoltura u s-sajd fil-Kunsill, wara l-falliment tan-negożjati fit-trilogi fl-ewwel qari, il-Parlament għandu jagħmel użu mid-delega tas-setgħat lill-Kummissjoni bil-għan li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tekniċi u sensittivi li jaf ikollhom impatt fuq il-konsumaturi tal-UE.

Fir-rigward tal-allinjament propost tal-artikoli tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 u r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) minflok is-setgħa li tadotta l-atti f'konformità mal-Artikolu 291 tat-TFUE, għall-oġettivi li ġejjin:

- biex jiġi deċiż jekk prodott partikolari huwiex "għalf" li jista' jitqies bħala element li jissupplimenta d-definizzjoni ta' għalf (l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2009);
- biex jiġi modifikat il-katalogu li jistabbilixxi l-kontenut massimu ta' impuritajiet (l-Artikolu 26(3) tar-Regolament (KE) Nru 767/2009);
- biex tiġi determinata l-lista tal-użi maħsuba u biex tiġi rakkomandata d-durata tal-użu (l-Artikolu 10(5) tar-Regolament (KE) Nru 767/2009).

EMENDI

Il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) Il-ġbir f'daqqa u l-preżentazzjoni ta' għotjiet ta' setgħa li mhumix marbuta mill-qrib ma' xulxin f'att delegat wieħed tal-Kummissjoni jxekklu l-eżerċitar tad-dritt ta' skrutinju tal-Parlament, peress li dan ikollu sempliċiment jaċċetta jew

jirrifjuta l-pakkett kollu mingħajr ma jkollu l-possibilità li jesprimi opinjoni dwar kull għotja ta' setgħa b'mod individwali.

Emenda 2

Proposta għal regolament Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 1a

Il-Kummissjoni m'għandhiex tiġbor f'daqqa għotjiet ta' setgħa multipli f'att delegat wieħed.

Ġustifikazzjoni

Il-ġbir f'daqqa u l-preżentazzjoni ta' aktar għotjiet ta' setgħa li mhumieq marbuta mill-qrib ma' xulxin bħala att delegat wieħed tal-Kummissjoni jxekklu l-eżerċitar tad-dritt ta' skrutinju tal-Parlament Ewropew, peress li dan ikollu sempliċiment jaċċetta jew jirrifjuta l-pakkett kollu mingħajr ma jkollu l-possibilità li jesprimi opinjoni dwar kull għotja ta' setgħa b'mod individwali.

Emenda 3

Proposta għal regolament Anness I – parti IX – punt 86 – paragrafu 2 – punt 3 Regolament (KE) Nru 2003/2003 Artikolu 31a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 29(4) u fl-Artikolu 31(1) għal perjodu ta' **żmien indeterminat minn** [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 29(4) u fl-Artikolu 31(1) għal perjodu ta' **ħames snin minn** [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus]. **Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħat mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħat għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi bl-istess durata, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali**

estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.

Ġustifikazzjoni

Id-delega tas-setgħat standard ta' 5 snin li tista' tiġġedded (sakemm ma jirtirawhiex il-Kunsill jew il-PE) għandha tapplika għall-fajls relatati kollha tal-Kumitat AGRI, bħal f'kull leġislazzjoni preċedenti.

Emenda 4

Proposta għal regolament

Anness I – parti XII – punt 141 – paragrafu 3 – punt 11

Regolament (KE) Nru 999/2001

Artikolu 23b – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(3), fl-Artikolu 6(1) u (1b), fl-Artikolu 7(3), (4) u (4a), fl-Artikolu 8(1), (2) u (5), fl-Artikolu 9(1) u (3), fl-Artikolu 15(3), fl-Artikolu 16(7), fl-Artikolu 20(2) u fl-Artikolu 23 għal perjodu ta' *żmien indeterminat* minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(3), fl-Artikolu 6(1) u (1b), fl-Artikolu 7(3), (4) u (4a), fl-Artikolu 8(1), (2) u (5), fl-Artikolu 9(1) u (3), fl-Artikolu 15(3), fl-Artikolu 16(7), fl-Artikolu 20(2) u fl-Artikolu 23 għal perjodu ta' *ħames snin* minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus]. *Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħat mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħat għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi bl-istess durata, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.*

Ġustifikazzjoni

Id-delega tas-setgħat standard ta' 5 snin li tista' tiġġedded (sakemm ma jirtirawhiex il-Kunsill jew il-PE) għandha tapplika għall-fajls relatati kollha tal-Kumitat AGRI, bħal f'kull leġislazzjoni preċedenti.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Anness I – parti XII – punt 142 – paragrafu 2 – punt 3

Direttiva 2002/32/KE;

Artikolu 10a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemija fl-Artikolu 7(2) u fl-Artikolu 8(1) u (2) għal perjodu ta' **żmien indeterminat** minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemija fl-Artikolu 7(2) u fl-Artikolu 8(1) u (2) għal perjodu ta' **ħames snin** minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus]. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħat mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħat għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi bl-istess durata, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.***

Ġustifikazzjoni

Id-delega tas-setgħat standard ta' 5 snin li tista' tiġġedded (sakemm ma jirtirawhiex il-Kunsill jew il-PE) għandha tapplika għall-fajls relatati kollha tal-Kumitat AGRI, bħal f'kull leġislazzjoni preċedenti.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Anness I – parti XII – punt 147 – paragrafu 4 – punt 8

Regolament (KE) Nru 1829/2003

Artikolu 34a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemija fl-Artikolu 12(4), fl-Artikolu 14(1a), fl-Artikolu 24(4) u fl-Artikolu 32, is-sitt paragrafu, għal perjodu ta' **żmien indeterminat** minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemija fl-Artikolu 12(4), fl-Artikolu 14(1a), fl-Artikolu 24(4) u fl-Artikolu 32, is-sitt paragrafu, għal perjodu ta' **ħames snin** minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus]. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħat mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħat għandha tiġi estiża***

awtomatikament għal perjodi bl-istess durata, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.

Ġustifikazzjoni

Id-delega tas-setgħat standard ta' 5 snin li tista' tiġġedded (sakemm ma jirtirawhiex il-Kunsill jew il-PE) għandha tapplika għall-fajls relatati kollha tal-Kumitat AGRI, bħal f'kull leġiżlazzjoni preċedenti.

Emenda 7

Proposta għal regolament

Anness I – parti XII – punt 148 – paragrafu 2 – punt 2

Regolament (KE) Nru 1830/2003

Artikolu 9a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 8(1) għal perjodu ta' **żmien indeterminat** minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

Emenda

2. l-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 8(1) għal perjodu ta' **ħames snin** minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus]. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħat mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħat għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi bl-istess durata, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.***

Ġustifikazzjoni

Id-delega tas-setgħat standard ta' 5 snin li tista' tiġġedded (sakemm ma jirtirawhiex il-Kunsill jew il-PE) għandha tapplika għall-fajls relatati kollha tal-Kumitat AGRI, bħal f'kull leġiżlazzjoni preċedenti.

Emenda 8

Proposta għal regolament

Anness I – parti XII – punt 149 – paragrafu 2 – punt 6

Regolament (KE) Nru 1831/2003

Artikolu 21a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(5), fl-Artikolu 6(3), fl-Artikolu 7(5), fl-Artikolu 16(6) u fl-Artikolu 21 għal perjodu ta' **żmien indeterminat** minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(5), fl-Artikolu 6(3), fl-Artikolu 7(5), fl-Artikolu 16(6) u fl-Artikolu 21 għal perjodu ta' **ħames snin** minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus]. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħat mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħat għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi bl-istess durata, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.***

Emenda 9

Proposta għal regolament

Anness I – parti XII – punt 156 – paragrafu 2 – punt 5

Regolament (KE) Nru 183/2005

Artikolu 30a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(3), fl-Artikolu 10(3), fl-Artikolu 27 u fl-Artikolu 28 għal perjodu ta' **żmien indeterminat** minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(3), fl-Artikolu 10(3), fl-Artikolu 27 u fl-Artikolu 28 għal perjodu ta' **ħames snin** minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus]. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħat mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħat għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi bl-istess durata, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill***

joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.

Ġustifikazzjoni

Id-delega tas-setgħat standard ta' 5 snin li tista' tiġġedded (sakemm ma jirtirawhiex il-Kunsill jew il-PE) għandha tapplika għall-fajls relatati kollha tal-Kumitat AGRI, bħal f'kull leġiżlazzjoni preċedenti.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Anness I – parti XII – punt 164 – paragrafu 2 – punt 5

Direttiva 2009/128/KE;

Artikolu 20a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemija fl-Artikolu 5(3), fl-Artikolu 8(7), fl-Artikolu 14(4) u fl-Artikolu 15(1) għal perjodu ta' **żmien indeterminat** minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemija fl-Artikolu 5(3), fl-Artikolu 8(7), fl-Artikolu 14(4) u fl-Artikolu 15(1) għal perjodu ta' **ħames snin** minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus]. **Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħat mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħat għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi bl-istess durata, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.**

Ġustifikazzjoni

Id-delega tas-setgħat standard ta' 5 snin li tista' tiġġedded (sakemm ma jirtirawhiex il-Kunsill jew il-PE) għandha tapplika għall-fajls relatati kollha tal-Kumitat AGRI, bħal f'kull leġiżlazzjoni preċedenti.

Emenda 11

Proposta għal regolament

Anness I – parti XII – punt 166 – paragrafu 1

Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tar-Regolament (KE) Nru 767/2009, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi għal dak ir-Regolament bil-għan li tadattahom għall-progress tekniku **u** sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament b'lista ta' kategoriji ta' materjali tal-għalf. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twestaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż f'livell espert, u li dawn il-konsultazzjonijiet jitwettqu skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejjija ta' atti delegati.

Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tar-Regolament (KE) Nru 767/2009, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi għal dak ir-Regolament bil-għan li tadattahom għall-progress tekniku, **taġġorna l-lista ta' użi maħsuba u tistabbilixxi l-kontenut massimu ta' impuritajiet kimiċi kif imsemmi fil-punt 1 tal-Anness I, kif ukoll** sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament b'lista ta' kategoriji ta' materjali tal-għalf **u tipprovdi kjarifika dwar jekk prodott partikolari jikkostitwixxix għalf**. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twestaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż f'livell espert, u li dawn il-konsultazzjonijiet jitwettqu skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejjija ta' atti delegati.

Emenda 12

Proposta għal regolament Anness I – parti XII – punt 166 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 767/2009, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tikkjarifika jekk prodott partikolari jikkostitwixxix għalf, billi taġġorna l-lista ta' użi intenzjonati u tistabbilixxi l-kontenut

imħassar

massimu ta' impuritajiet kimiċi. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Anness I – parti XII – punt 166 – paragrafu 3 – punt 2
Regolament (KE) Nru 767/2009
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni *tista', fejn ikun meħtieġ*, tadotta miżuri sabiex tiċċara jekk prodott partikolari jikkostitwixxix għalf għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. *Dawk l-atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 56(3).*

Emenda

2. Il-Kummissjoni *tingħata s-setgħa li* tadotta atti *delegati f'konformità mal-Artikolu 27a* sabiex tiċċara jekk prodott partikolari jikkostitwixxix għalf għall-finijiet ta' dan ir-Regolament

Emenda 14

Proposta għal regolament
Anness I – parti XII – punt 166 – paragrafu 3 – punt 3
Regolament (KE) Nru 767/2009
Artikolu 10 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Fi żmien sitt xhur mill-wasla ta' applikazzjoni valida jew, fejn ikun xieraq, wara li tirċievi l-opinjoni tal-Awtorità, il-Kummissjoni għandha tadotta atti *ta' implimentazzjoni* li jaġġornaw il-lista ta' użi intenzjonati jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2. Dawk l-atti *ta' implimentazzjoni* għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 28(3).

Emenda

5. Fi żmien sitt xhur mill-wasla ta' applikazzjoni valida jew, fejn ikun xieraq, wara li tirċievi l-opinjoni tal-Awtorità, il-Kummissjoni għandha tadotta atti *delegati* li jaġġornaw il-lista ta' użi intenzjonati jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2. Dawk l-atti *delegati* għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 27a.

Emenda 15

Proposta għal regolament

Anness I – parti XII – punt 166 – paragrafu 3 – punt 6

Regolament (KE) Nru 767/2009

Artikolu 26 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. **Għandhom jiġu adottati emendi għall-Katalogu** tal-Komunità li **jiffissaw il-kontenut** massimu ta' impuritajiet kimiċi kif imsemmi fil-punt 1 tal-Anness I jew il-livelli ta' purità botanika msemija fil-punt 2 tal-Anness I **jew** jew il-livelli ta' kontenut ta' umdità msemija fil-punt 6 tal-Anness I jew id-dettalji li jissostitwixxu d-dikjarazzjoni **obligatorja** msemija fl-Artikolu 16(1)(b). **Dawk l-atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemija fl-Artikolu 56(3).**

Emenda

3. **Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 27a bil-għan li temenda l-Katalogu** tal-Komunità li **jiffissa l-kontenut** massimu ta' impuritajiet kimiċi kif imsemmi fil-punt 1 tal-Anness I jew il-livelli ta' purità botanika msemija fil-punt 2 tal-Anness I jew il-livelli ta' kontenut ta' umdità msemija fil-punt 6 tal-Anness I jew id-dettalji li jissostitwixxu d-dikjarazzjoni **obligatorja** msemija fl-Artikolu 16(1)(b).

Emenda 16

Proposta għal regolament

Anness I – parti XII – punt 166 – paragrafu 3 – punt 8

Regolament (KE) Nru 767/2009

Artikolu 27a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemija fl-Artikolu 6(2), fl-Artikolu 17(4), fl-Artikolu 20(2) u fl-Artikolu 27(1) għal perjodu ta' **żmien indeterminat** minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemija fl-Artikolu 6(2), fl-Artikolu 17(4), fl-Artikolu 20(2) u fl-Artikolu 27(1) għal perjodu ta' **ħames snin** minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus]. **Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħat mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħat għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi bl-istess durata, hliief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet**

Emenda 17

Proposta għal regolament

Anness I – parti XII – punt 167 – paragrafu 4 – punt 20

Regolament (KE) Nru 1069/2009

Artikolu 51a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata d-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 5(1) u (2), fl-Artikolu 6(1) u (2), fl-Artikolu 7(4), fl-Artikolu 11(2), fl-Artikolu 15(1), fl-Artikolu 17(2), fl-Artikolu 18(3), fl-Artikolu 19(4), fl-Artikolu 20(11), fl-Artikolu 21(6), fl-Artikolu 27, fl-Artikolu 31(2), fl-Artikolu 32(3), fl-Artikolu 40(1), fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 42(2), fl-Artikolu 43(3), fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 7 u fil-paragrafu 8 tal-Artikolu 48 għal perjodu ta' ***żmien indeterminat*** minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata d-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 5(1) u (2), fl-Artikolu 6(1) u (2), fl-Artikolu 7(4), fl-Artikolu 11(2), fl-Artikolu 15(1), fl-Artikolu 17(2), fl-Artikolu 18(3), fl-Artikolu 19(4), fl-Artikolu 20(11), fl-Artikolu 21(6), fl-Artikolu 27, fl-Artikolu 31(2), fl-Artikolu 32(3), fl-Artikolu 40(1), fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 42(2), fl-Artikolu 43(3), fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 7 u fil-paragrafu 8 tal-Artikolu 48 għal perjodu ta' ***ħames snin*** minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus]. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħat mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħat għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi bl-istess durata, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.***

Ġustifikazzjoni

Id-delega tas-setgħat standard ta' 5 snin li tista' tiġġedded (sakemm ma jirtirawhiex il-Kunsill jew il-PE) għandha tapplika għall-fajls relatati kollha tal-Kumitat AGRI, bħal f'kull leġislazzjoni preċedenti.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-Adattament ta' numru ta' atti ġuridiċi li jistipulaw l-użu ta' proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE
Referenzi	COM(2016)0799 – C8-0524/2016 – 2016/0400(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 13.3.2017
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 13.3.2017
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Daniel Buda 15.2.2017
Data tal-adozzjoni	30.8.2017
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 40 -: 1 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	John Stuart Agnew, Clara Eugenia Aguilera García, Daniel Buda, Matt Carthy, Viorica Dăncilă, Michel Dantin, Jean-Paul Denanot, Albert Deß, Diane Dodds, Jörn Dohrmann, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Luke Ming Flanagan, Martin Häusling, Esther Herranz García, Jan Huitema, Peter Jahr, Ivan Jakovčić, Jarosław Kalinowski, Zbigniew Kuźmiuk, Philippe Loiseau, Mairead McGuinness, Giulia Moi, Ulrike Müller, James Nicholson, Maria Noichl, Marijana Petir, Laurențiu Rebega, Bronis Ropė, Maria Lidia Senra Rodríguez, Ricardo Serrão Santos, Czesław Adam Siekierski, Tibor Szanyi, Marc Tarabella, Marco Zullo
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Bas Belder, Franc Bogovič, Maria Heubuch, Karin Kadenbach, Gabriel Mato, Momchil Nekov, Massimo Paolucci, Estefanía Torres Martínez, Tom Vandenkendelaere
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Christofer Fjellner

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

40	+
PPE	Franc Bogovič, Daniel Buda, Michel Dantin, Albert Deß, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Esther Herranz García, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Mairead McGuinness, Marijana Petir, Czesław Adam Siekierski, Tom Vandenkendelaere
S&D	Clara Eugenia Aguilera García, Jean-Paul Denanot, Viorica Dăncilă, Karin Kadenbach, Momchil Nekov, Maria Noichl, Ricardo Serrão Santos, Tibor Szanyi, Marc Tarabella
ECR	Bas Belder, Jørn Dohrmann, Zbigniew Kuźmiuk, James Nicholson
ALDE	Jan Huitema, Ivan Jakovčić, Ulrike Müller
GUE/NGL	Matt Carthy, Luke Ming Flanagan, Maria Lidia Senra Rodríguez, Estefanía Torres Martínez
Verts/ALE	Maria Heubuch, Martin Häusling, Bronis Ropė
EFDD	Giulia Moi, Marco Zullo
ENF	Laurențiu Rebegea
NI	Diane Dodds

1	-
EFDD	John Stuart Agnew

1	0
ENF	Philippe Loiseau

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni